**KUNSILL LOKALI TAS-SLIEMA**
**Triq Depiro,**
**Tas-Sliema, SLM 2037 - MALTA**

TAS-SLIEMA

**TAS-SLIEMA LOCAL COUNCIL**
**Triq Depiro,**
**Tas-Sliema, SLM 2037 - MALTA**

Telephone: +356 2133 7633
Fax: +356 2134 5333
Email: sliema.lc@gov.mt
Website: [redacted]

# LAQGĦAT TAL-KUNSILL TAT-TMIEN LEĠISLATURA - LAQGĦA NUMRU 10

l-għaxar laqgħa tat-tmien leġislatura tal-Kunsill Lokali Tas-Sliema nżammet il-Ħamis 25 ta' Lulju 2013 fit-18.20pm fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq Depiro, Tas-Sliema.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI** | Anthony Chircop | Sindku |
| | Kris Busietta | Viċi Sindku |
| | Marianne Aquilina | Kunsillier |
| | Michael Briguglio | Kunsillier |
| | Antoinette Castaldi Paris | Kunsillier (Daħlet fis-18 :45) |
| | Lisa Cassar | Kunsillier |
| | Vivianne Galea Pace | Kunsillier |
| | John Pillow | Kunsillier (Daħal 6.41pm) |
| | Paul Radmilli | Kunsillier |
| **SKUŻATI** | Pierre Portelli | Kunsillier |
| **ASSENTI** | Nicolai Gauci | Kunsillier |
| **UFFIĊĊJALI PREŻENTI** | Matthew Dimech | Segretarju Eżekuttiv |
| | Stefania Friggieri | Assistant Principal |

*Is-Seduta bdiet b'din l-Agenda:*

1. *Approvazzjoni tal-Minuti*
2. *Materji konnessi mal-Minuti*
3. *Approvazzjonit tal-Pagamenti tal-Kontijiet*
4. *Rapporti mill-Kumitati u Sotto Kumitati*
5. *Minuti mil-Laqgħa tal-Komuinita*
6. *Pożizzjoni dwar l-iskema għal Parkeġġ Kontrollat*
7. *Suġġerimenti mill-Kunsilliera*
8. *Aġġornament*

## 1. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1 Is-Sindku ressaq għall-approvazzjoni l-minuti tas-seduta 8_27/06/2013 għall-approvazzjoni.

1.2 Il-Kunsillier M. Briguglio ippropona li f'punt 1.10 tiżdied. 'Kien hemm qbil ma dan'.

1.3 Il-Kunsilliera V. Galea Pace ipproponiet li ssir korrezzjoni f'punt 6.2 fejn kjarifikat li l-Kunsill kien qabel li għanda ssir manutenzjoni sħiħa għal latrini pubbliċi.

1.4 Is-Sindku ppropona l-approvazzjoni tas-seduta 8_27_06_2013 hekk kif korretti. Il-Kunsillier M. Briguglio issekonda. Kien hemm qbil unanimu għall-approvazzjoni fost il-Kunsilliera prezenti. *Approvazzjoni tal-minuti 8_27_06_2013*

1.5 Is-Sindku ressaq għall-approvazzjoni l-minuti tas-seduti 8_15/07/2013 (kontinwazzonjoni/suġġerimenti).

1.6 Il-Kunsillier M. Briguglio talab li tiżdied il-frażi 'Il-Kunsill qabel dwar dan' meta kien ippropona li jitwaħħal sellun mac-Chalet.

1.7 Il-Kunsilliera V. Galea Pace talbet li titranġa l-*misprint* 'tappiera'.

1.8 Is-Sindku ppropona l-approvazzjoni tas-seduta 8_15/07/2013 (kontinwazzonjoni/suġġerimenti) hekk kif korretti. Il-Kunsillier M. Briguglio issekonda. Kien hemm qbil unanimu għall-approvazzjoni fost il-Kunsilliera prezenti. *Approvazzjoni tal-minuti 8_15_07_2013*

1.9 Is-Sindku ppropona l-approvazzjoni tal-minuti 9_11/07/2013. Il-Kunsilliera V. Galea Pace issekondat. Kien hemm qbil unanimu fost il-Kunsilliera preżenti. *Approvazzjoni tal-minuti 9_11/07/2013*

## 2. MATERJI KONNESSI MAL-MINUTI

*8a* 2.1 Is-Sindku informa li l-Kunsill irċieva korrispondenza mill-MTA fejn talbu biex titneħħa l-*bus* li kienet tpoġġiet fuq il-promenade għall-attivita SSAF. Il-Kunsilliera L. Cassar żiedet tgħid li sakemm kien hemm l-attivita din kienet ta' attrazzjoni iżda la darba l-attivita spiċċat din tista titneħħa. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu li titneħħa. *Talba biex titneħħa l-bus li tpoġġiet għall-attivita SSAF*

2.2 Is-Sindku informa li għalkemm il-Kunsill kien talab li jkun hemm ħinijiet itwal għall-ftuħ tal latrini pubbliċi għax xhur tas-Sajf, l-*attendant* mhux dejjem qiegħed ikun prezenti mal-latrini. *Latrini*

*Daħal il-Kunsillier J. Pillow fis-6.41*

*8b* 2.3 Is-Sindku informa dwar il-problema ta' nuqqas ta' uniformita li hemm f'l-*un/loading bays* tal-lukandi madwar Tas-Sliema. *Un/Loading Bays – Ix-Xatt*

2.4 Is-Sindku informa dwar il-periklu tal-bexx tat-turf fi Gnien G. Bonello Du Puis li kien ġie diskuss fl-aħħar seduta. Il-Kunsillier J. Pillow informa li se jitwaħħlu *Turf fil-Ġnien ta' Qui Si Sana*

aktar tabelli informattivi dwar il-ħsara tal-pestiċidi jekk wieħed imur fuq it-*turf.*

2.5 Il-Kunsillier J. Pillow informa wkoll li jekk il-Kunsill jagħżel li jbiddel dan it-turf dan irid isir bi ħlas. Il-Kunsill qabel li għandu jitlob lill-ELC għall-istima u suġġerimenti ta x'jista jkun hemm aħjar qabel ma ssir xi tip ta' bidla.

2.6 Il-Viċi Sindku tkellem dwar it-toroq magħluqin u dak li qiegħed jiġi miktub fuq il-*facebook* minn Kunsilliera stess. Il-Kunsillier P. Radmilli qal li l-problema qegħda jekk wieħed jaħdem bla permess.

Hawn il-Kunsillier K Busietta qal illi dan il-Kunsill waqqaf Bord li jikowordina l-immanigjar tas-siti ta' kostruzzjoni u materji relatati. Ma jħossx li huwa gust illi il-Kunsillier Portelli mar jilmenta fuq il-pagna personali tieghu fuq *facebook* illi l-Kunsill mhux jghamel bizzejjed f'dan is-settur. K Busietta qal illi jekk il-Kunsilliera jahsbu li mhux qed jghamlu xoghol tajjeb, ghandhom jghidulna u huwa jirrizenja mill-Kumitat. Il-Kunsill ma qabilx u irringrazzja lill-Kumitat tal-hidma taghhom.

*Feedback mill-pubbliku*

2.7 Il-Kunsilliera L. Cassar issuġġeriet li fil-Kunsill ikun hemm *feedback box* fejn il-pubbliku jiġi mitlub għal *feedback* tiegħu fuq is-servizz li jkun inghata mill-ufficju tal-Kunsill. Eventwalment ghandu ikun hemm ftit mill-Kunsilliera li jaraw dawn il-kummenti. Kien hemm qbil dwar dan u s-Sindku qabel li jkun involut.

*Paġna ta' facebook*

2.8 Is-Segretarju Eżekuttiv saqsa jekk il-Kunsill jaqbilx li certu persuni li qeghdin juzaw il-pagna tal-Kunsill fuq *facebook* ghal skopijiet ta' hsara lill-istess Kunsill, ghandhomx jigu blokjati. Il-Kunsill qabel..

*Karozzi abandunati*

2.9 Is-Sindku informa li kellu laqgħa ma' kuntrattur dwar il-possibilta li karozzi abbandunati fit-toroq jibdew jigu *towed.* Il-Kunsill għandu jagħti d-dettalji ta' dawn il-karrozzi li mhumiex liċenzjati lit-TM u wara li jitpoġġa avviż għal ċertu żmien, dawn se jiġu rmunkati. Jekk il-vettura tibqa ma tinġabarx dawn jiġu skrappjati. Is-Sindku informa li l-Kunsill għad irid jara xi spejjes se jkunu involuti. Ghaldaqstant, din il-materja ser terga tigi diskussa fil-laqgha li jmiss tal-Kunsill.

2.10 Il-Viċi Sindku qal li l-Kunsill għandu jara li din il-proċedura tkun skont il-liġi u skont kif jigwidawna Transport Malta.

*Un/loading bay fix-Xatt*

2.11 Is-Sindku informa li kellna komunikazzjoni mill-OPM fejn talbu li terġa ssir *loading bay* fix-Xatt (fejn Black Gold *restaurant*). Il-Viċi Sindku ippropona li sakemm jitneħħew l-estensjonijiet illegali li hemm u titranġa s-sitwazzjoni u jerġa jiġi post għall-pubbliku ma tinħareġ l-ebda *loading bay* f'dik l-area. Il-Kunsilliera preżenti qablu b'mod unanimu.

*Knis*

9 2.12 Is-Sindku xtaq juri l-apprezzament tiegħu lill-Kunsillier J. Pillow għaliex qiegħed idur mal-ħaddiema ġodda tal-knis sakemm isiru jafu it-toroq. Il-Kunsillier J Pillow qal illi meta qed idur mal-kenniesa, qieghed jinnota li l-kuntrattur tal-gbir ta' skart qieghed ihammeg warajh. Il-Kunsill qabel li niktbu lill-kuntrattur tal-iskart biex isuq bil-galbu u biex ma jhammigx it-toroq.

2.13 Is-Sindku informa wkoll li se jsir tindif tal-karti wara l-festa tal-Balluta b'*direct order.* Il-Kunsill qabel li fic-cirkostanzi li qeghdin b'servizz ta' emergenza,

ghandu isir hekk ghal festi kollha.

2.14 Is-Sindku irrefera dwar il-ġbir ta' skart fejn il-kuntrattur qiegħed jiġbor b'negleġenza li l-iskart jitwaqqa fit-toroq. Ir-raġuni wkoll minħabba li t-trukkijiet tiegħu qegħdin issuqu b'mod eċċessiv li l-ħaddiem ma jlaħħaqx jwaqqab fl-iscammel. Il-Kunsill qabel li jikteb lill-Kuntrattur. *Ġbir ta' Skart*

2.15 Is-Sindku informa li l-Kunsill ħareġ sejħa pubblika għal servizzi ta' konsulent legali filwaqt li irringrazzja lil Viċi Sindku tas-servizz li ta' minn aspett legali senza interessi.

## 3. APPROVAZZJONI TAL-PAGAMENTI TAL-KONTIJIET

3.1 Is-Segretarju Eżekuttiv irrefera għan-nuqqas ta' servizz min-naħa tas-CSD fejn qeghdin jidhlu hafna ilmenti dwar il-knis. Is-Segretarju qal illi gie infurmat illi qed ikun hawn ftit kenniesa, l-iskeda tal-knis mhux tinzamm, mhux isir knis sew u mhux jinqata l-haxix mit-toroq. Il-Kunsilliera ikkonfermaw dan kollhu. Il-Kunsill iddiskuta jekk għandhomx jitnaqqsu xi ammonti mill-kontijiet tas-CSD bhala penali. Il-Kunsilliera L. Cassar qalet li hi infurmat lill-Prim Ministru li l-promenade huwa maħmuġ u l-bins qed ikunu mimlijin. Infurmat ukoll lill MTA u CSD u qalet li l-problema għandha tissolva malajr minħabba li f'Tas-Sliema it-Turiżmu jittrippla fis-Sajf.

3.2 Kien hemm qbil fost il-Kunsilliera preżenti li numri 25 u 79 mill-iskeda tal-pagamenti li huma pagabbli lill-*Cleansing Services Department* il-pagament tagħhom jitnaqqas b'perċentaġġ ta' 33 fil-mija. Is-Sindku żied jgħid li l-*bins* mhux qegħdin jitnaddfu. *Tnaqqsi mil-kont tas-CSD minħabba nuqqas ta servizz*

3.3 Is-Sindku ippropona li jiġu approvati l-pagamenti. Il-Viċi Sindku issekonda. Kien hemm qbil unanimu fost il-Kunsilliera preżenti għall-approvazzjoni. *Approvazzjoni tal-pagamenti*

## 4. RAPPORTI MILL-KUMITATI U SOTTO KUMITATI

4.1 Il-Kunsill ġie infurmat li dwar laqgħa mal-MEUSAC fuq *EU Funding*, biex il-Kunsill ikun jista jagħmel *pv panels* fuq latrini jew ġonna, il-Kunsill għandu jara li dawn ikunu devoluti lilna inkella l-applikazzjoni taqa. Il-Kunsill qabel li jibda il-process ghad-divoluzzjoni ta' Gnien Indipendenza. *Devoluzzjoni latrini/ġonna*

4.2 Is-Sindku fakkar li għal laqgħat diversi m'hemmx għalfejn ikun hemm kulħadd preżenti għaliex tkun aktar diffiċli biex tinstab ġurnata. Kull membru għandu jkollu fiduċja fit-tim li jkun preżenti f'laqgħa partikulari. *Diversi laqgħat*

4.3 Il-Kunsillier P. Radmilli irrefera għal *EU Funding* u qal li l-Kunsill m'għandux ikun *lead partner* iżda jrid jidħol ma' gruppi oħra tal-EU. Il-Kunsill għandu jsaqsi għal *partners* li jkunu applikaw biex ikun aktar faċli li jinkisbu fondi. *EU Funding*

4.4 Il-Kunsillier M. Briguglio tkellem dwar il-Kumitat tar-roti. Saqsa jistax isir dizinn ta' *sharrows* fi Triq it-Torri. Is-Sindku ippropona lil Tony Pace Gouder. Il-Kunsill qabel. *Użu tal-bicycles*

4.5 Il-Kunsillier M. Briguglio irrefera għal roti tal-elettriku biex jitwaħħal xi tip ta' apparat. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li jridu jkunu bil-permess tal-Lands. M Briguglio qal li l-Kumitat tar-roti ser jiltaqa fil-5 ta' Awwissu 2013.

4.6 Is-Sindku irrefera għal każ tal-Kiosk tal-gelati li kien ġie riferut mill-Ombudsman. Il-Kunsill ġie infurmat li l-Ombudsman qal li l-Kunsill mexa b'mod korett.

4.7 Il-Viċi Sindku qal li għandhom jitneħħew it-tabelli tad-diversion mit-toroq konċernati minnufih la darba tlestiet it-triq tal-Kulleġġ l-Antik.

4.8 Il-Kunsillier M. Briguglio talab jekk id-diversion li saret fi Triq Manwel Dimech tistax tibqa kif inhi. Il-Kunsill qabel li t-tabelli jitneħħew u nagħmlu kollox kif kien qabel u filkaż nagħmlu talba oħra. *Diversion fi Triq Manwel Dimech*

4.9 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li dalwaqt ser jkollna r-rapporti tekniku dwar l-immanigjar tat-traffiku fi Triq Amery, Triq il-Kbira u Triq Borg Olivier. Dan ser jigi prezentat lill-Kunsill qabel jigi mghoddi lill-Transport Malta ghall-approvazzjoni taghhom.

4.10 Is-Sindku talab li l-Kunsill jitlob kwotazzjoni għal manutenzjoni tal-parapett ta' quddiem l-uffiċċju minħabba li l-madum kif inhu malli jkun hemm ftit ilma ikun perikoluż. Kien hemm qbil dwar dan. *Manutenzjoni tal-parapett tal-Kunsill*

4.11 Is-Sindku talab biex isiru pjanti mal-perit dwar *traffic managment* fi Triq it-Torri kantuniera ma' Kulleġġ l-Antik, u dan sabiex ikun hemm inqas kongestjoni tat-traffiku. Kien hemm dwar dan.

4.12 Il-Kunsilliera L. Cassar saqsiet jekk il-Kunsill kellux ħsieb li jinbiddel l-uffiċċju u jkun bħala Centru Civiku. Din għandha tiġi diskussa aktar il quddiem.

4.13 Is-Sindku informa dwar il-laqgħa mal-MEPA dwar il-*local plan.* Il-Kunsill għandu jagħmel laqgħa *ad hoc* u jfassal rapport preliminari bis-suggerimenti tieghu.

## 5. MINUTI MIL-LAQGĦA TAL-KOMMUNITA

5.1 Il-minuti tal-laqgħa tal-lokalita tad- 9 ta' Lulju ġew approvati.

## 6. POŻIZZJONI DWAR L-ISKEMA GĦAL PARKEĠĠ KONTROLLAT

6.1 Is-Sindku informa li saret laqgħa mal-Ministru Herrera u TM ftit xhur ilu dwar dan is-suggett. Is-Sindku fakkar li ser ssir *press conference* dwar is-sospensjoni tal-*controlled timed parking scheme* u ġie nnotat li biex il-Kunsill isemmi l-pożizzjoni tal-GRTU u Sliema Business Community irid ikollu l-awtorizzazzjoni tagħhom.

6.2 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li minn mindu l-Kunsill bagħat għal *press*

*conference*, Audrey Testaferrata de Noto mit-TM baghtet ittra li l-Kunsill irċieva fl-24 ta' Lulju 2013, fejn it-TM qegħdin jitolbu għal rapport finali dwar il-parkegg u traffiku f'Tas-Sliema, hekk kif ukoll li l-Kunsill għandu jneħħi t-tabelli kollha li kienu twaħħlu tat-*timed parking*. Il-Kunsill ma qabilx li ghandhom jitnehhew it-tabelli.

6.3 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-Kunsill irid jiftiehem kif se jwieġeb il-mistoqsijiet tal-*press conference*.

6.4 Is-Sindku qal li hu kellu l-ħsieb li jgħid li l-Kunsill lest li jara possibilitajiet oħra bħal Tas-Sliema tinqassam f'żoni kummerċjali, skejjel u residenzjali. Is-Sindku qal ukoll li l-Kunsill lest li jelabora biex ikollna sistema aħjar la darba li jkun hemm intenzjonijiet tajbin min-naħa tal-Ministeru.

6.5 Il-Kunsilliera M. Aquilina qalet li l-Kunsill għadnu jitlob *time frame*.

6.6 Is-Sindku fakkar ukoll li l-Kunsill diġa kien għamel ħafna xogħol għal din is-sistema.

6.7 Is-Sindku qal li d-diffikulta tidher biss ġejja min-naħa tal-iskejjel.

*Il-Kunsillier J. Pillow ġie skużat mis-seduta fit-20.37*

6.8 Is-Segretarju Eżekuttiv issuġġerixxa li fuq *feedback* li rcieva l-Kunsill min bosta residenti, ż-żona residenzjali u dik tal-iskejjel tista tkun l-istess, mis-sghatejn ta' wara nofsinhar sal-hdax ta' filgħaxija.

*Il-Kunsilliera V. Galea Pace ġiet skuzata mis-seduta fit-20.38*

6.9 Is-Segretarju Eżekutiv qal li l-Kunsill għad m'għandux proposta finali u konkreta li jista jibghat lill-Ministru dwar il-*controlled timed parking scheme*.

6.10 Il-Kunsillier P. Radmilli qal li teknikament ġiet sospiża u qatt ħadd ma infurmana li kieku kien ġie xi ħadd konna niddiskutu u nimmodifikaw is-sistema.

6.11 Sadanittant il-Kunsill qabel li t-tabell tat-*timed parking* ma jitneħħewx.

6.12 Il-Viċi Sindku irrefera għall-ittra li l-Kunsill kien irċieva minn Audrey Testaferrata de Noto stess fejn kienet infurmat lill-Kunsill li ghandu jnehhi xi tabelli tat-*timed parking* li ma kienux konformi mal-Avviz Legali.

*Il-Kunsilliera V. Galea Pace u J. Pillow daħlu lura għas-seduta 20.43*

6.13 Ġie deċiż li għal din il-*press conference* is-Sindku biss għandu jitkellem. Is-Segretarju Eżekuttiv għandu jibgħat e-mail lill-Kunsilliera kollha biex kulħadd ikun avżat.

6.14 Il-Kunsillier P. Radmilli għall-interessi tar-residenti, issuġġerixxa li l-Kunsill

għandu jinvolvi dawk il-Kunsilli li qegħdin fl-istess sitwazzjoni

## 7. SUĠĠERIMENTI MILL-KUNSILLIERA

7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv tkellem dwar it-talba minn New Tower Palace Hotel dwar *sub-station* tad-dawl. Il-Kumitat tal-permessi ser jiltaqa magħhom għall-aktar diskussjonijiet dwar il-*site plan* li ssottomettew.

*Il-Kunsilliera L. Cassar ġiet skużata li titlaq mis-seduta fit-20.51*

7.2 Il-Viċi Sindku qal li ġie avviċinat minn *Water Polo Club* fejn talbu jistax li l-Kunsill jgħin finanzjarjament għal *jelly fish net* li se jagħmlu. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li l-Kunsill ma jistax jagħmel dawn it-tip ta' donazzjonijiet kif ukoll li din hija xi ħaġa marittima li ma taqax taħt ir-responsabbilita tagħna.

7.3 Il-Kunsillier P. Radmilli tkellem dwar l-iskart riċiklat li jiġġenera minn Belmont Heights. Il-Kunsillier Radmilli għandu jiċċekja l-kuntratt tal-Green Pak dwar it-tqeghid bla hlas ta' *Bring in Site* u filkaż jiltaqa magħhom.

## 8. AĠĠORNAMENT

8.1 Il-laqgħa ntemmet fl-21:00 u l-Kunsill għandu jiltaqa nhar it-Tnejn 26 ta' Awissu 2013 fis-6pm.

Minuti approvati llum

**Anthony Chircop**
**Sindku**

**Matthew Dimech**
**Segretarju Eżekuttiv**

**KUNSILL LOKALI TAS-SLIEMA**
**Triq Depiro,**
**Tas-Sliema, SLM 2037 - MALTA**

TAS-SLIEMA

**TAS-SLIEMA LOCAL COUNCIL**
**Triq Depiro,**
**Tas-Sliema, SLM 2037 - MALTA**

Telephone: +356 2133 7633
Fax: +356 2134 5333
Email: sliema.lc@gov.mt
Website: [redacted]

## LAQGĦAT TAL-KUNSILL TAT-TMIEN LEĠISLATURA - LAQGĦA NUMRU 10

l-għaxar laqgħa tat-tmien leġislatura tal-Kunsill Lokali Tas-Sliema nżammet it-Tnejn 15 ta' Lulju 2013 fit-18.10pm fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq Depiro, Tas-Sliema.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI** | Anthony Chircop | Sindku |
| | Kris Busietta | Vici Sindku |
| | Pierre Portelli | Kunsillier |
| | Michael Briguglio | Kunsillier |
| | Antoinette Castaldi Paris | Kunsillier (Daħlet fis-18 :45) |
| | Lisa Cassar | Kunsillier |
| | Vivianne Galea Pace | Kunsillier |
| | John Pillow | Kunsillier (Daħal 6.41pm) |
| | Paul Radmilli | Kunsillier |
| **SKUŻATI** | Marianne Aquilina | Kunsillier |
| **ASSENTI** | Nicolai Gauci | Kunsillier |
| **UFFIĊĊJALI PREŻENTI** | Matthew Dimech | Segretarju Eżekuttiv |
| | Stefania Friggieri | Assistant Principal |

*Is-Seduta numru 10 kompliet b'din l-Agenda:*

7. *Suġġerimenti mill-Kunsilliera*

Kris Busietta

Issugerixxa li l-Kunsill jghamel *survey* tal-Un/Loading bays tal-lukandi u banek f'Tas-Sliema biex jara li dawn ikunu regolarizzati u bil-permess.

John Pillow

Dwar gnien Bonello Du Puis, il-Kunsillier qal li saret laqgha ma Dott. Cuschieri tal-ELC, fejn dan spjega illi persuni ma jistghux jidhlu fuq it-*turf* ghal 48 siegha wara li jkun sar il-fertilizzant. Il-Kunsill qabel illi jehlu tabelli li jinfurmaw lill-publiku dwar dan il-perikolu, illi jdumu jumejn imwahhlin, li umbghad jinqalaw. Dott. Cuschieri indika illi il-fertilizzant jaffetwa biss l-*area tat-turf*, u mhux l-inhawi tal-bandli.

Dwar it-tisqija tal-istess *turf*, il-Kunsill qabel illi minhabba n-nuqqas kbir ta' ilma fil-gibjuni tal-gnien, dawn ghandhom jimtlew malajr bil-konnesjoni tal-ilma li hemm prezenti.

Il-Kunsill qabel ukoll illi igib stima ghal xoghlijiet biex isir culvert fi Triq Qui Si Sana biex dawn il-gibjuni jimtlew bl-ilma tax-xita. Il-Kunsillier ilmenta ukoll illi hemm bosta tabelli neqsin fl-istess gnien, fosthom tabelli *no parking of motorcycles.*

J Pillow qal ukoll illi l-*attendant* tal-latrina ta' QSS rega ma kienx prezenti nhar il-Hadd li ghadda. Il-Kunsill qabel illi din mhux l-ewwel darba, u ghaldaqstant ghandna innaqsulom mill-kont.

Fi Pjazza Sant' Anna ghanda tehel tabella mal-funtana illi tindika li l-ilma mhux tajjeb ghax-xorb.

Dwar Bizazza Street, il-bollard ta' isfel mhux tahdem. Sar qbil ukoll illi it-triq titnaddaf bil-powerwash min kuntrattur privat jekk tas-CSD ma jghamlux dan huma stess.

Hemm problema ta' gharar fi Triq ix-Xatt quddiem il-Forestals u iktar 'l fuq minn Blackgold. Il-Kunsill qabel li nkellmu lill-Perit Vassallo biex naraw x'jista isir.

Il-Kunsill qabel ukoll illi wasal iz-zmien illi jinhareg tender ghax-xiri ta' dwal ghat-tizjin tal-Milied fit-Toroq.

Pierre Portelli

Il-Kunsillier Portelli tkellem dwar il-permessi ghal makkinarju ta' kostruzzjoni, u permessi ta' *closed u partially closed roads.* Is-Sindku qal illi l-Kumitat mhux jidhol fid-decizjoni ta' kemm jinghalqu toroq kuljum. Gie innotat illi kwazi kwart tat-toroq fil-gimgha ikunu mghaluqa ghat-traffiku.

Il-laqgha giet sospiza. Hin: 19.15

Il-laqgha komplit. Hin: 19.45

Il-Kunsill tkellem fuq sistema ta' koordinament ta' permessi ghal krejns u gheluq ta' toroq u s-Segretarju gie inkarigat jistudja kif tali sistema tista tigi imtejjba.

P Portelli qal ukoll illi s-sena l-ohra saret kampanja edukattiva 'Keep Sliema smart, Tas-Sliema bla skart'. Il-Kunsillier qal illi din is-sena din l-kampanja tista tigi mibdula, u jista isir process illi fejn hemm flats tal-kiri ghanda issir kampanja edukattiva dwar ir-rimi ta' skart. Il-Kunsill iddiskuta li vera ahjar li jingabar skart filghaxija, imma ghandu jkun hemm aktar *enforcement* u kampanja edukattiva fejn jigu mfakkra il-hinijiet ta' gbir ta' skart.

Il-Kunsill ghandu bzonn jidhol f'diskussjonijiet mal-*language schools*, biex studenti igibu rispett fit-toroq lejn residenti, specifikament biex ma jghamlux storbju. P Portelli qal li qabel nirrapurtaw dawn il-kazi lill-Pulizija, ghandna niltaqaw mal-*language schools*.

P Portelli qal ukoll illi rridu nibdew nigbdu *derelict vehicles*.

**Michael Briguglio**

Il-Kunsillier Briguglio qal li fejn il-*Black Gold* restaurant u *Medasia* fi Triq ix-Xatt ma tistax timxi fuq il-bankina, peress li din qed tigi imblukkati b'imwejjed, siggijiet u persuni ohra li jzuru dawn l-istabbilmenti. Accessibilta ma tezistix. Hu issugerixxa li jsiru barriers bhal ma hemm fejn La Rive. Il-Kunsill qabel li nkellmu lid-Dipartiment tal-Artijiet fuq tali proposta.

M Briguglio issugerixxa li nghatu donazzjoni lill-iskola tal-gvern hekk kif mnizzel f'Memo li ircivejna ftit tal-jiem ilu mid-Dipartiment ghal Gvern Lokali.

M Briguglio saqsa tistax tigi posposta il-laqgha mal-MEPA dwar il-*local plans*? Is-Sindku qal li l-MEPA idecidew id-data tal-laqgha. Is-Sindku qal li jahseb illi dan huwa biss *introductory meeting*.

Dwar korsijiet tal-ICT ghax-xitwa, M Briguglio issugerixxa li jsir kors bl-isem ta' *e-lifestyles* offrut mit-TCTC. Il-Kunsill qabel li jsir.

Huwa propona li isir kors ukoll dwar *holistic nutrition* mis-Sur David Spiteri. Il-Kunsill qabel li jsir.

M Briguglio saqsa f'hiex wasalna dwar is-sospensjont tal-*controlled timed parking scheme*? Is-Sindku qal li ma jidirx li Transport Maalta mexxiet. M Briguglio ressaq biex issir *press conference*. Il-Kunsill qabel li din issir nhar is-Sibt 27 ta' Lulju fid-9.30am.

M Briguglio propona ukoll illi ghas-sajf li jmiss isir sellum max-Chalet.

**Lisa Cassar**

Ghandhom isiru tabelli ta' 'direction' u 'no entry' fi Triq Dragut. Il-Kunsill qabel. Il-Kunsilliera pproponiet ukoll li ssir *sleeping police* fi Triq Gafar vicin il-kazin.

Il-Kunsill qabel ukoll li ssir *sleeping police* ohra fi Triq St. Henry, qabel Triq Camenzuli.

**Vivienne Galea Pace**

Proponiet li ssir *zebra crossing* ohra fi Triq Qui Si Sana. Il-Kunsill ma qbailx ghax f'din it-triq diga hemm tnejn.

Hi qalet ukoll fuq negozji li jikru karozzi u jhalluhom ipparkeggjati barra fit-triq. Sindku qal li din l-ahjar soluzzjoni ghaliha kienet l-introduzzjoni tal-*controlled timed parking scheme*.

Il-Kunsilliera qalet ukoll illi hemm tappiera thabbad fi triq it-Torri kantuniera ma Triq Howard.

Il-laqgha ntemmet. Hin: 21.15

Minuti approvati llum

**Anthony Chircop**
**Sindku**

**Matthew Dimech**
**Segretarju Eżekuttiv**